MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 665/1995/1

**Christian Bugeja**

**vs**

**Dottor Gerald Montanaro Gauci bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Conceria La Maltese Limited qabel S & G Tanners Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni ppresentata fit-12 ta' Mejju, 1995 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc l-attur ippremetta illi huwa jahdem mal-fabbrika Conceria La Maltese Limited; u fit-28 ta' Novembru, 1994 huwa kien gie ordnat sabiex fis-7.30 a.m. jahdem fuq il-magna li tqaxxar il-gilda u dana minghajr ma gie moghti l-ebda taghrif jew struzzjonijiet ta' kif tahdem din il-magna; illi ghal habta tat-8.30 a.m. tal-imsemmija data u waqt li l-attur kien qieghed jahdem fuq l-imsemmija magna, din l-istess magna qabditlu idu fir-romblu tal-lakstu li jtella' l-gilda ghal mar-romblu tax-xfafar; illi huwa beda jwerzaq ghall-ghajnuna ta' shabu u dawn kif raw idu maqbuda fil-magna ippanikjaw u telqu jigru; illi l-imsemmija magna li tqaxxar il-gilda ma kellhiex l-ebda "safety guard" filwaqt li l-"emergency stop" jinsab fil-gholi hafna b'tali mod li l-attur kif kien maqbud fil-magna ma setghax jilhqu; illi kawza ta' dan l-incident l-attur sofra danni permanenti u tilef idu l-leminija mill-minkeb l-isfel u wkoll ghadu ma dahalx ghax-xoghol (Dok A); illi l-fabbrika Conceria La Maltese Limited ghandha assikurazzjoni izda din ghalkemm interpellata ma wiegbitx il-kommunikazzjonijiet legali tal-attur; talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-konvenut nomine kien responsabbli ghall-incident fuq deskritt tat-28 ta' Novembru, 1994 meta l-magna li tqaxxar il-gilda qabdet id l-attur b'rizultat li l-attur sofra danni permanenti u anki personali liema incident sehh minhabba nuqqasijiet, traskuragini u negligenza da parti tal-konvenut nomine;
2. tillikwida d-danni li sofra l-istess attur rizultat tal-incident fuq indikat tat-28 ta' Novembru, 1994;
3. tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attur id-danni fuq likwidati.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut nomine ngunt ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fl-20 ta' Gunju 1995 l-konvenut nomine eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel talba ghandha tkun michuda stante li l-korriment tal-attur ma garax htija tal-eccipjent noe izda gara unikament tort tal-attur innifsu.

2. It-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.
3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjent noe m'ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-attur.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fit-2 ta' Frar, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
"*Mill-provi jirrizulta li fit-28 ta' Novembru, 1994 sehh incident fil-fabbrika tas-socjeta` konvenuta fejn l-attur kien qed jahdem. Fil-hin ta' dan l-incident l-attur kien qed jopera magna li tqaxxar il-glud. Din il-magna hi maghrufa bhala "fleshing machine" u din telimina ix-xaham li jkun hemm mal-glud tal-annimali. Din il-magna hi azzjonata biss permess ta' pedala. F'hin minnhom id il-leminija tal-attur inqabbdet fir-romblu tal-magna u bhala konsegwenza l-attur sofra danni permanenti peress li tilef idu l-leminija mill-minkeb l-isfel. L-attur isostni li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli ta' dan l-incident. Is-socjeta` konvenuta da parti taghha teccepixxi li l-magna in kwistjoni ma kellha ebda difett mekkaniku u z-zewg guards taghha, dak ta' quddiem ir-romblu ta' fuq kif ukoll dak ta' fuq il-pedala, kienu f'posthom. Is-socjeta` konvenuta tghid li mhux responsabbli ghall-incident in kwestjoni, liema incident sehh unikament tort tal-attur.*
"*L-espert tekniku li gie nominat fil-kors tal-inkjesta relattiva, fost affarijiet ohra, kkonkluda li ma kien irrizulta ebda difett mekkaniku fil-magna u lanqas ma kienu rrizultaw xi mankanzi fl-istess magna li setghu kkontribwew biex sehh dan l-incident. Huwa inoltre kkonferma li z-zewg guards tal-magna kienu f'posthom. Espert iehor, li gie prodott 'ex parte' mill-attur, ukoll ikkonferma li, fl-opinjoni tieghu, il-magna kienet tahdem perfettament u ma kellha xejn 'unsafe'. Dan l-istess espert inoltre kkonferma li kienu saru spezzjonijiet mill-awtorita` kompetenti ghar-rigward tas-sikurezza ta' din l-istess magna, qabel ma sehh l-incident, u f'dan ir-rigward qatt ma saret ebda rimarka.*

"*Fil-process verbal (fol-25 sa 34) redatt mill-Magistrat Inkwerenti gie nnotat li, meta sar l-access, hdejn il-magna in kwistjoni kien hemm zewg pallets tal-injam li kienu fuq xulxin u li wahda minnhom kellha il-bicca ta' quddiem imkissra. Difatti l-espert tekniku li gie nominat fl-inkjesta kkonkluda ukoll li l-attur fil-hin tal-incident kien qed ihaddem il-magna minn fuq zewg pallets tal-injam li jidher li ma kienux stabbli hafna u li wahda mti-twavel tal-pallet ta' fuq kienet maqsuma;*

"*L-imsemmi espert 'ex parte' prodott mill-attur ukoll irrifera ghal din il-pallet. Huwa qal li l-incident seta' sehh minhabba l-uzu hazin li kien qed isir minn dawn il-pallets tal-injam peress li mhux suppost li dawn il-pallets jintuzaw biex jitilghu fuqhom. Huwa qal li, fl-opinjoni tieghu, l-pallet ta' fuq kienet maqsuma minhabba li ddghajfet bil-grassijiet li johorgu mill-glud. L-istess espert pero` jghid ukoll li ma jistax jeskludi li l-injama tal-pallet seta' tkissret minhabba ragunijiet ohra. Huwa jghid ukoll li meta saru l-ispezzjonijiet tal-awtorita` kompetenti qabel ma sehh l-incident qatt ma saret rimarka dwar l-uzu ta' dawn il-pallets. Jghid ukoll li ma saru l-ebda testijiet ghar-rigward tal-injam tal-pallet in kwistjoni. Inoltre x-xhud John Scicluna, f'dan ir-rigward ighid li x'aktarx l-injam tal-pallet ta' fuq kien imkisser minn qabel l-incident. In vista ta' dan kollu zgur li ma jistax jinghad li jirrizulta b'mod sufficjenti li l-incident in kwestjoni sehh peress li kienu qed jintuzaw l-imsemmija pallets tal-injam bhala pjattaforma sabiex tigi operata l-magna in kwestjoni.*

"*Ghandu jinghad ukoll li l-attur meta xhed f'dawn il-proceduri fl-ebda hin ma rrifera ghal dawn il-pallets. L-attur meta jghati r-rendikont tieghu ta' kif gara l-incident jghid semplicement li waqt li kien qed jopera l-magna in kwestjoni, f'hin minnhom sema' hoss kbir u l-magna qabditlu idejh. Jigi rilevat li l-attur inoltre kkonferma li huwa kien regolarment liebes l-ingwanti li soltu jintuzaw meta tigi operata l-istess magna.*

"*L-attur, li qal li kien ilu jahdem mas-socjeta` konvenuta biss tlett xhur qabel ma sehh dan l-incident, jghid ukoll li din kienet l-ewwel okkazzjoni li kien qed jopera dik il-*

*magna in kwestjoni. f'dan, pero`, l-attur hu kontradett minn dak li qal l-imsemmi xhud John Scicluna, impjegat iehor tas-socjeta` konvenuta, li jghid li dak in-nhar li sehh l-incident ma kienx l-ewwel darba li l-attur hadem fuq din il-magna. L-attur jilmenta li huwa ma giex muri kif kellu jhaddem il-magna, filwaqt li l-istess xhud Scicluna jghid li biex l-attur kien qed ihaddem din il-magna zgur li kien hemm xi hadd li urieh kif tahdem l-istess magna. F'dan ir-rigward il-general manager tas-socjeta` konvenuta kkonferma li min kien jintbaghat jahdem fuq xi magna partikolari kien jigi moghti struzzjonijiet ta' kif tahdem il-magna u x'ghandu jaghmel. It-tekniku koncjarju impjegat mas-socjeta` konvenuta da parti tieghu kkonferma li meta kien jigi impjegat xi hadd gdid, dan kien jinghata struzzjonijiet ghar-rigward tal-funzjonament tal-magni kollha inkluz dik in kwestjoni;*

"*L-espert tekniku nominat fl-inkjesta gustament ikkonkluda illi dan l-incident sehh kawza ta' nuqqas serju ta' attenzjoni da parti tal-attur li kien ukoll negligenti meta huwa kien qed jopera din il-magna. L-istess espert qal li fil-fehma tieghu l-attur mar biex jigbor bicca gilda li waqghet taht ir-romblu u dak il-hin l-istess attur accidentalment azzjona il-pedala minghajr ma nduna u konsegwentement idejh il-leminija intghafset bejn ir-rombli fil-hin li huwa kien inklinat. In effetti l-attur jichad li huwa rifes il-pedala accidentalment u jichad ukoll li dak il-hin huwa kien inklinat. L-istess attur pero` ma eskludix il-fatt li qabel l-incident setghet waqghet taht ir-romblu bicca gilda li huwa kien qed jahdem. L-attur ikkonferma li qabel ma gara l-incident il-magna kienet wieqfa, pero` jirrizulta li l-magna tista` tigi biss azzjonata mill-pedala u ghalhekk bil-fors li xi hadd azzjona din il-pedala u l-probabilita` kbira hi li din il-pedala giet azzjonata mill-attur x'aktarx accidentalment;*

"*F'dan l-istadju ghandha ssir referenza ghal dak li qal l-imsemmi xhud Scicluna li jsahhah dak li kkonkluda l-imsemmi espert tekniku nominat fl-inkjesta. Ix-xhud John Scicluna, li jirrizulta li kien qed inewwel il-glud lill-attur, qal li f'hin minnhom sema' lill-attur jghid "isa gibha" u rah idahhal idejh il-leminija minn fuq ir-romblu u jipprova igib*

*xi bicca gilda li kienet waqghet. Dak il-hin huwa osserva li r-romblu beda jinghalaq b'konsegwenza li id il-leminija tal-attur inqabdet bejn iz-zewg rombli. Scicluna kkonferma li meta l-attur tbaxxa, sebghu kien mar-romblu. L-istess xhud jghid li meta rah idahhal idu fil-magna huwa gibed l-attenzjoni ta' l-attur li, pero`, ma tax kaz.*

"*Ghandu wkoll jinghad li lill-espert nominat fl-inkjesta rrizultalu li l-attur u z-zewg haddiema l-ohra li kienu qed jahdmu fuq il-magna in kwestjoni kienu qed jinsistu biex ilestu x-xoghol li kellhom fl-iqsar zmien possibbli biex b'hekk ikunu jistghu jitilqu minn fuq ix-xoghol.*

"*In vista tal-provi kollha prodotti u fid-dawl ta' dak kollu li gie premess fil-presenti, ma jistax jinghad li jirrizulta sufficjentement pruvat illi s-socjeta` konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghalhekk l-ewwel talba tal-attur ma tistax tigi akkolta. Konsegwentement lanqas ma jistghu qatt jigu akkolti t-talbiet l-ohra kollha tal-attur.*"

**L-appell ta' l-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u b'rikors ippresentat fit-22 ta' Frar, 2001 interpona appell lil din il-Qorti fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab ir-revoka tas-sentenza fuq riportata billi jigu michuda l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellata u tintlaqa' l-ewwel talba attrici u konsegwentement din il-Qorti tirrimanda l-atti quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza sabiex dik il-Qorti tiehu konjizzjoni u tiddecidi fuq it-tieni u t-tielet talbiet skond il-ligi, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-appellat nomine. In sintezi l-attur appellant qed jilmenta li, kif jinghad fir-rikors tal-appell, it-talba tieghu giet ingustament michuda "*sew minhabba apprezzament zbaljat tal-fatti kif ukoll minhabba applikazzjoni inkorretta tal-ligi applikabbli.*"

B'risposta ppresentata fl-20 ta' Marzu, 2001 is-socjeta` konvenuta appellata ssottomettiet li s-sentenza appellata hija gusta fl-apprezzament tal-fatti li rrizultaw mill-provi kif ukoll kif dawn jinkwadraw ruhom fir-relazzjoni ta' drittijiet u

doveri bejn il-partijiet skond il-ligi, u ghalhekk dik is-sentenza timmerita konferma.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Minn qari akkurat tas-sentenza appellata jidher li l-ewwel qorti bbazat id-decizjoni taghha principalment fuq il-konkluzzjonijiet milhuqa minn Philip Zammit, l-espert tekniku mahtur fl-inkjesta magisterjali. Dan issottometta li l-incident sehh kawza ta' nuqqas serju ta' attenzjoni da parti tal-attur li kien ukoll negligenti meta huwa kien qed jopera din il-magna. Din in-negligenza, skond l-istess espert, immanifestat ruhha bl-attentat tal-attur li jigbor bicca gilda li kienet waqghet wara r-rombli, meta f'dan il-hin l-attur ghafas accidentalment il-pedala li topera r-rombli b'saqajh stess. Oltre dan jidher li l-Qorti rravvisat negligenza fl-attur minhabba l-ghalgla zejda waqt l-operazzjoni biex l-attur u shabu jitilqu lejn id-dar.

Mil-provi processwali din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel qorti u dana ghar-ragunijiet segwenti.

1) L-attur jghid li qabel l-akkadut huwa kien dritt u qatt ma ittanta jdahhal idejh fil-magna u kien biss meta dar biex jkellem lil Piscopo, li kien qed inewwel il-glud lil Scicluna, li sema' hoss kbir u hass il-magna tigbidlu idejh. L-attur jichad li, qabel l-incident huwa ttanta jigbor xi gilda li setghet waqet wara r-romblu.

2) L-unika persuna li semmiet l-incident tal-gilda li waqat wara r-romblu kien John Scicluna. Pero` ghalkemm wiehed kien jistenna li wara l-akkadut din il-bicca gilda kienet ghadha tinsab taht ir-romblu – stante li l-attur ma kellux l-opportunita` li jirtiraha minhabba l-incident, u hadd ma allega li gabara wara l-incident, - jirrizulta li waqt l-access mizmum mill-espert inkarigat fl-inkjesta, liema access inzamm dakinhar stess, din il-bicca gilda ma tirrizultax u dana ghalkemm sew l-espert Zammit kif ukoll il-Perit Richard Aquilina ghamlu deskrizzjoni dettaljata ta' dak li sabu. In vista ta' dak li allega Scicluna u dak li kkonkluda l-espert Zammit din il-Qorti kienet tistenna li din il-bicca gilda tirrafigura b'mod prominenti fil-kostatazzjonijiet li ghamlu l-periti.

3) L-ewwel Qorti ghamlet referenza ghal dak li qal ix-xhud Scicluna meta allegatament sema' lill-attur jghid "Isa gibha" in konnessjoni mal-gilda li allegatament waqghet wara r-romblu. Pero', fil-fehma ta' din il-Qorti din l-espressjoni ma tfissirx necessarjament, kif donnha fehmet l-ewwel qorti, li l-attur kien ser idahhal idejh fil-magna. Izda pjuttost setghet tirriferi ghal talba ta' l-attur lil Scicluna biex jnewwillu bicca gilda biex din tiddahhal fir-romblu jew, sahansitra li l-istess attur, dejjem jekk kien veru li waqat bicca gilda kif jallega x-xhud Scicluna, kien qed jistieden lill-istess Scicluna biex jigbor l-istess gilda. Wara kollox kien dan Scicluna il-persuna responsabbli biex tnewwel il-glud lill-attur.
4) Il-Perit Richard Aquilina, mahtur bhala wiehed mill-esperti fl-inkjesta magisterjali, jghati stampa differenti minn dik tal-espert Zammit dwar kif seta' gara l-incident. Infatti filwaqt li dan ta' l-ahhar jattribwixxi l-akkadut ghall-fatt li l-attur ipprova, imprudentement, jigbor il-gilda li kienet waqghet – fatt michud mill-istess attur - il-Perit Aquilina jasal ghall-konkluzzjoni kompletament differenti billi fil-parti konkluzziva tar-rapport tieghu jghid hekk: "*Billi l-pallet kien inqasam proprju fejn kien hemm il-pedala li topera l-magna, kien jidher illi meta din il-pallet inqasmet, l-operatur* (cioe` l-attur) *waqa' ghal gol-magna li kienet ghadha qedha iddur u dan gara billi kellu sieq wahda li kienet ghadha fuq il-pedala.*" Jidher li din il-konkluzzjoni tal-Perit Aquilina hija diametrikament opposta ghal dik tal-espert Zammit. B'dana kollu fil-'*Process verbal*' li kkonkluda din l-inkjesta, il-Magistrat inkwirenti abbraccja, minghajr rizervi, il-konkluzzjoni, ossia opinjoni, tal-espert Zammit u dana b'mod inaspettat billi, fir-rigward ta' dak li kien qal il-Perit Aquilina, l-istess Magistrat Inkwirenti, aktar il-quddiem fil-"*Process Verbal*" kien qal hekk: "*Il-Magistrat inkwirenti jaqbel pjenament mal-konkluzzjoni li wasal ghaliha l-perit arkitett minnu nnominat.*"

Din il-Qorti, rinfaccata b'zewg opinjonijiet opposti kif fuq inghad ta' persuni mhux biss kunsidrati bhala esperti izda li wkoll kienu presenti fil-fabbrika ftit sieghat wara l-akkadut meta ghamlu l-kostatazzjonijiet taghhom, ma tistax toqghod la fuq dak li ssottometta l-espert Zammit u dan billi l-konkluzzjoni tieghu hija bazata fuq kongetturi li

mhux necessarjament sorretti mill-provi, u lanqas ma tista' taccetta l-konkluzzjoni tal-espert Aquilina in kwantu dak li jghid dwar l-injama tal-pallett li nqasmet u bhala rizultat l-attur spicca biex waqa' fil-magna hu kontradett mill-istess attur li fix-xhieda moghtija quddiem l-espert Zammit waqt l-inkjesta magisterjali xhed li "l-injama il-miksura tal-pallet ....kienet gja miksura meta bdejt nahdem fuq il-magna." (fol. 10 tar-rapport u fol. 88 tal-process) Din il-Qorti ghalhekk thoss li l-indagini taghha dwar kif verament gara l-incident trid tkun indirizzata lejn aspetti ohra tal-kaz biex jigi determinat jekk verament kienx hemm htija da parti tas-socjeta` konvenuta.

**Ikkunsidrat:**

Ghandu jinghad mill-ewwel li l-incident meritu tal-kawza ma sehhx ghaliex il-magna li kien qed jopera l-attur kellha xi difetti mekkanici jew ghax din kienet nieqsa minn xi "safety measures" mehtiega ghall-protezzjoni tal-operatur taghha. Lanqas ma jidher li kien hemm xi nuqqas ta' istruzzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta. Infatti tajjeb li jigi rilevat li, kwantu ghall-magna, jidher mhux kontestat li din kellha '*guard*' quddiem ir-romblu, kif ukoll kellha ilquh tal-hadid fuq il-pedala li tintuza biex jigi operat l-istess romblu b'mod li din il-pedala ma tistax tintlaqat accidentalment.

Inoltre, mit-testijiet li nzammu mill-espert Zammit ftit wara l-incident, jidher li l-magna kienet tiffunzjona tajjeb. Dan insab ukoll ikkonfermat mix-xhud Noel Cachia, Senior Occupational Health & Safety Inspector li xhed li wara l-incident din il-magna kienet tahdem "*perfettament*" u ma kellha xejn "*unsafe*". Mhux hekk biss billi meta saru l-inspections mid-dipartiment koncernat f'data precedenti ghall-incident de quo, l-istess dipartiment ma ghamel ebda rimarka dwar din il-magna mill-aspett ta' "safety".

Ghal dik li hija istruzzjoni tal-impjegat fl-uzu tal-magna hemm ix-xhieda tal-General Manager tas-socjeta` konvenuta, ta' Ivano Bonani u ta' l-istesss Scicluna (li ssemma qabel). Minn din ix-xhieda jidher li l-attur kellu esperjenza fit-thaddim ta' dak it-tip ta' magna, ghalkemm

mhux necessarjament fuq il-magna in kwestjoni, billi precedentement kien hadem fuq magna identika ghal dik.

**Ikkunsidrat:**

F'materja ta' incidenti industrijali l-inadgini li trid taghmel il-qorti ghandha tkun wahda ampja. Mhux bizzejjed li jigi determinat li l-magna li tkun qed tigi operata tkun tahdem b'mod sodisfacjenti jew li din tkun provduta bil-"guards" necessarji biex kemm jista' jkun l-operatur ma jinfilzax idejh f'partijiet perikoluzi jew li ma jhaddimx il-magna meta din suppost tkun wieqfa. L-ezami tal-qorti jrid jkun ikkoncentrat fuq l-ambjent kollu tal-post tax-xoghol. Huwa fatt inkonfutabbli li incidenti industrijali jirrikorru perjodikament b'konsegwenzi gravi ghall-impjegat minhabba in-natura stess tal-makkinarju industrijali li jkun qed jintuza u l-ambjent monotonu tal-process industrijali. Huwa minnu li s-sistema guridika taghna ma tipprospettax it-teorija ta' "strict liability" fejn id-datur tax-xoghol jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mis-subaltern tieghu indipendentement mill-htija tal-istess impjegat, kif gie ritenut f'pajjizi esteri, in kwantu  l-ligi taghna tehtieg l-element ta' negligenza fl-intervent attiv jew passiv tad-datur tax-xoghol liema nuqqasijiet jistghu jwasslu ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita`. B'dana kollu huwa benn assodat fil-gurisprudenza nostrana, kif ukoll dik estera, li f'incidenti industrijali d-datur ta' xoghol ma jigix mehlus mir-responsabbilita` ghall-akkadut semplicement ghax juri li l-magna kienet tahdem b'mod adegwat jew ghaliex l-impjegat jkun gie istruwit fl-uzu taghha, izda huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta' infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi "a safe place of work."

Issa mill-provi prodotti din il-Qorti tirravisa nuqqas da parti tas-socjeta`  konvenuta fil-provvista ta' ambjent sigur. Dan in-nuqqas jikkonsisti fl-fatt li l-istess socjeta` konvenuta kienet tirrikjedi lill-impjegat li jaghmlu uzu ta' pallets tal-injam biswiet l-imsemmija magna billi jitilghu fuqhom. Infatti fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel qorti deherilha

li kien opportun li tirriproduci dak li qalu fir-rigward l-espert mqabbad fl-inkjesta, kif ukoll l-espert ex-parte. Fis-sentenza, infatti insibu hekk: "Difatti l-espert tekniku li gie nominat fl-inkjesta kkonkluda ukoll li l-attur fil-hin tal-incident kien qed ihaddem il-magna minn <u>fuq zewg pallets tal-injam li jidher li ma kienux stabbli hafna u li wahda mit-twavel tal-pallets ta' fuq kienet miksura.</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti). L-espert ex-parte prodott mill-attur, li huwa persuna inkarigata mid-Dipartiment tax-Xoghol fis-sezzjoni tal-Health and Safety, gie riportat li ghamel is-segwenti osservazzjoni: "Huwa qal li l-incident seta` sehh minhabba l-uzu <u>hazin</u> li kien qed isir minn dawn il-pallets tal-injam peress <u>li mhux suppost li dawn il-pallets jintuzaw biex jitilghu fuqhom."</u> (Sottolinear ta' din il-Qorti) Ghalhekk jidher li, fil-fehma tal-esperti, dawn il-pallets mhux biss ma kienux idonei, talli kienu ukoll jiccaqalqu u sahansitra wahda mit-twavel tal-pallet ta' fuq, u cioe` dik l-aktar qrib il-magna in kwistjoni, kienet miksura. Fatturi dawn li certament ma kienux jaghmlu l-post tax-xoghol sigur. Dan apparti l-presenza ta' hafna xaham fuq l-istess pallets li jghamilhom jizolqu. Infatti jirrizulta li wara l-akkadut l-istess socjeta` konvenuta warbet dawn il-pallets u ssostitwithom b'ohrajn tal-hadid.

Issa minn ezami tal-provi prodotti, partikolarment ir-ritratti tal-magna in kwistjoni sew bir-romblu isfel kif ukoll b'dan imtella, din il-Qorti ma tistax taccetta li persuna, deskritta mill-General Manager tas-socjeta` konvenuta bhala persuna "tajjeb hafna ghar-rigward ta' dak it-tip ta' xoghol", kwazi b'mod suwicida, tittanta iddahhal idejha fil-magna meta, bir-romblu tal-lastku fil-posizzjoni imnizla, huwa impossibbli ddahhal idejk biex tigbor xi haga minn warajh, - fatt dan michud mill-istess attur.

Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu u wara li hasbet fit-tul dwar il-kaz, din il-Qorti hija tal-fehma li l-incident meritu tal-kawza sehh minhabba fatturi estranei ghall-agir ta' l-attur u f'dan il-kuntest issib li n-nuqqas tas-socjeta` konvenuta li tipprovdi ampjent sigur bil-presenza tal-pallets tal-injam li fuqhom kienu mistennija li joqghodu l-impjegat, kienet cirkostanza importanti li waslet ghall-incident in kwestjoni. Infatti l-mod  kif l-attur iddeskriva l-

incident u cioe` li sema’ hoss qawwi u hass idu tingibed jattalja tajjeb max-xena kollha tal-kaz. Huwa ghalhekk verosimili li dan l-incident sehh minhabba il-fatt li l-pallets kienu jiccaqalqu u kienu maqsuma b’mod li l-attur immedjatament qabel l-akkadut gie mitfuh fil-magna hekk kif huwa hares lura biex jkellem lill-siehbu. Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-attur b’ebda mod ma ikkontribwixxa ghall-incident

Ghar-ragunijiet fuq moghtija s-sentenza appellata qed tigi revokata billi jigi dikjarat li s-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ghall-incident tat-28 ta’ Novembru, 1994 u b’hekk l-ewwel talba attrici qed tigi milqugha. Konsegwentement l-atti tal-kawza qed jigu rinvijati lill-Ewwel Qorti sabiex, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi dwar id-danni sofferti mill-attur, dik il-Qorti tghaddi biex tillikwida l-istess danni u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-istess lill-attur a tenur tat-tieni u tielet talbiet fic-citazzjoni attrici.

Bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------